

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

20.10.2008

0092/2008

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Elizabeth Lynne, Jean Lambert, Edit Bauer u Marianne Mikko

dwar il-kampanja Blue Blindfold sabiex jitwaqqaf it-traffikar tal-persuni

Data ta' skadenza: 5.2.2009

0092/2008

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-kampanja Blue Blindfold sabiex jitwaqqaf it-traffikar tal-persuni

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill 2004/68/JHA tat-22 ta' Diċembru 2003,
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar Miżuri Kontra t-Traffikar tal-Persuni,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi skont riċerka mid-Dipartiment tal-Istat Amerikan, madwar 800 000 persuna qed jiġu traffikati fuq il-fruntieri nazzjonali, li ma jinkludux il-miljuni ta' persuni traffikati f'pajjiżhom stess,
- B. billi m'hemm l-ebda kampanja uffiċjali kkoordinata madwar l-UE li b'mod effettiv tinvolve u teduka lill-pubbliku dwar it-traffikar tal-persuni,
- C. billi l-vittmi tat-traffikar huma l-iskjavi tal-ġurnata tal-lum u dawn jesperjenzaw dannu bħala riżultat tal-kondizzjoni tagħhom,
1. Jappoġġja l-promozzjoni tal-kampanja Blue Blindfold fost l-aġenziji kollha Ewropej li l-ħidma tagħhom hija marbuta mal-ġlieda kontra t-traffikar tal-persuni;
 2. Jistieden lill-Istati Membri sabiex flimkien japprovaw u jadottaw il-kampanja 'Blue Blindfold' li diġà għandha appoġġ tal-Olanda, tar-Renju Unit u tal-Irlanda;
 3. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tappoġġja b'mod sħiħ l-iskambju tal-aħjar prattiki, l-educazzjoni u l-materjal tal-kampanja permezz tal-kampanja Blue Blindfold;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet rilevanti.